DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/737

tas-27 ta' Mejju 2020

dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għal attivitajiet relatati mal-għoti ta' ċerti servizzi postali fid-Danimarka

(notifikata bid-dokument C(2020) 3335)

(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

Billi:

1. FATTI

(1) Fid-19 ta' Diċembru 2019, id-Danimarka ("l-Applikant"), ressqet talba permezz tal-email lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE (minn hawn 'il quddiem "it-Talba"). It-Talba tikkonforma mal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 ([2]).

(2) Din it-Talba tikkonċerna ċerti servizzi postali fid-Danimarka. Is-servizzi kkonċernati huma deskritti fit-Talba kif ġej:

(a) Is-servizzi nazzjonali ta' konsenja tal-pakketti min-negozju għall-konsumatur (B2C) – il-konsenji standard tal-pakketti minn negozju b'kuntratt ta' konsenja fid-Danimarka mibgħuta lil konsumatur (minn bieb għal bieb jew għal punt ta' ġbir fid-Danimarka);

(b) Is-servizzi internazzjonali ta' konsenja tal-pakketti min-negozju għall-konsumatur (B2C):

— il-konsenji standard tal-pakketti li joriġinaw minn negozju b'kuntratti ta' konsenja fid-Danimarka lil konsumatur li jinsab barra mid-Danimarka (minn bieb għal bieb jew għal punt ta' ġbir tal-pakketti);

— il-konsenji standard tal-pakketti li joriġinaw minn negozju internazzjonali mibgħuta lil konsumatur Daniż (minn bieb għal bieb jew għal punt ta' ġbir fid-Danimarka).

(3) L-Awtorità Daniża tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur ("id-DCAA"), li hija entità indipendenti tal-Ministeru Daniż tal-Industrija, tan-Negozju u tal-Affarijiet Finanzjarji, ippreżentat it-Talba f'isem id-Danimarka. It-Talba nbdiet minn PostNord ([3]), li hija l-unika entità attiva fis-settur postali fid-Danimarka, soġġetta għar-regoli tal-akkwist pubbliku.

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1804 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar ir-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 34 u 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 39).

([3]) PostNord AB huwa l-isem tal-kumpanija azzjonarja taż-żewġ kumpaniji amalgamati tal-posta Posten AB u Post Danmark, li ġew amalgamati uffiċjalment fl-24 ta' Ġunju 2009. Post Danmark hija s-sussidjarja tal-PostNord li hija stabbilita u attiva fid-Danimarka.

(4) It-Talba kienet tinkludi pożizzjoni motivata u sostanzjata mid-DCAA. Id-DCAA li hija kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati, analizzat bir-reqqa l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE għall-attivitajiet ikkonċernati, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva. Il-pożizzjoni tad-DCAA kienet ibbażata fuq stħarriġ kwestjonarju lill-atturi reali fis-suq kif ukoll lill-kompetituri potenzjali dwar is-swieq Daniżi għas-servizzi nazzjonali u internazzjonali ta' konsenja standard tal-pakketti minnegozju għall-konsumatur.

(5) Fit-3 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni talbet tagħrif addizzjonali mingħand l-Applikant. It-tweġiba tal-Applikant waslet fl-10 ta' Frar 2020. Fis-16 ta' Marzu 2020, l-Applikant ippreżenta aktar informazzjoni dwar l-istat tal-kompetizzjoni fis-suq għas-servizzi internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti B2C.

(6) F'konformità mal-punt 1(a) tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 35 ta' dik id-Direttiva jridu jiġu adottati fi żmien 90 jum ta' xogħol fil-każ li l-aċċess liberu għal suq partikolari huwa preżunt abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE. F'konformità mat-tielet paragrafu tal-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-iskadenza għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni għandha tibda fl-ewwel jum ta' xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi t-talba msemmija fl-Artikolu 35(1) ta' dik id-Direttiva jew, meta l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta ma tkunx sħiħa, fil-jum ta' xogħol ta' wara li tasal l-informazzjoni sħiħa. Għalhekk, id-data ta' skadenza inizjali skadiet fil-11 ta' Mejju 2020 ([4]). Din l-iskadenza ġiet estiża, mill-Kummissjoni bil-qbil tal-Applikant, sad-29 ta' Mejju 2020.

2. QAFAS LEGALI

(7) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati mas-servizzi postali, sakemm l-attività ma tkunx eżentata skont l-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva.

(8) Skont id-Direttiva 2014/25/UE, il-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika d-Direttiva 2014/25/UE mhumiex soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq l-attività, din tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jistgħu jinkludu l-karatteristiċi tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati, l-eżistenza ta' prodotti jew ta' servizzi alternattivi meqjusa bħala sostitwibbli fuq in-naħa tal-provvista jew fuq in-naħa tad-domanda, il-prezzijiet u l-preżenza ta' aktar minn fornitur jew provditur wieħed tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni.

3. VALUTAZZJONI

3.1. Aċċess mhux ristrett għas-suq

(9) L-aċċess għal suq jitqies mhux ristrett jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu għall-kompetizzjoni. Din il-leġiżlazzjoni hija elenkata fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE, li għas-settur postali, tinkludi d-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(10) Kif ġie kkonfermat mill-Applikant ([6]), u abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, id-Danimarka ttrasponiet ([7]) u qed tapplika d-Direttiva 97/67/KE. Konsegwentement, l-aċċess għas-suq rilevanti jitqies li mhuwiex ristrett f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

3.2. Esponiment dirett għall-kompetizzjoni

(11) Jenħtieġ li l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni jiġi evalwat abbażi ta' diversi indikaturi, li l-ebda wieħed minnhom mhu deċiżiv *per se*. Fir-rigward tas-swieq milquta minn din id-Deċiżjoni, is-sehem mis-suq tal-atturi ewlenin f'suq partikolari huwa kriterju wieħed li jenħtieġ li jitqies. Billi l-kundizzjonijiet ivarjaw għall-attivitajiet differenti li huma koperti mit-Talba, meta tiġi eżaminata s-sitwazzjoni jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti fis-swieq rilevanti.

([4]) ĠU C 64, 27.2.2020, p. 55.
([5]) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).
([6]) Ara t-Talba, it-Taqsima 4.1 u l-Appendiċi 1 ta' din it-Talba.
([7]) Att ta' traspożizzjoni nazzjonali: Liġi Postali (Lovbekendtoteste 2017-08-30, nr. 1040 Postlov)

(12) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija li ntużaw biex jiġi vvalutat l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, mhumiex neċessarjament identiċi għal dawk li ntużaw biex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([8]) kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali ([9]).

(13) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk l-attivitajiet ikkonċernati mit-Talba humiex esposti għal livell ta' kompetizzjoni, fi swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett fit-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, li jiżgura li, anke fl-assenza tad-dixxiplina li ġabu magħhom ir-regoli tal-akkwist dettaljati stipulati fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għat-twettiq tal-attivitajiet ikkonċernati se jitwettaq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi ta' kriterji li jippermettu lix-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda ekonomikament vantaġġuża.

(14) F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed isemmi li, fis-swieq ikkonċernati, mhux l-atturi kollha tas-suq huma soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku. Fis-swieq soġġetti għat-Talba, PostNord biss hija entità kontraenti fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE u, għalhekk, hija soġġetta għar-regoli tal-akkwist pubbliku. Il-kumpaniji li mhumiex soġġetti għal dawk ir-regoli, meta jaġixxu f'dawk is-swieq, normalment ikollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq l-atturi tas-suq li jkunu soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku.

3.3. **Definizzjoni tas-suq tal-prodott rilevanti**

(15) F'deċiżjonijiet preċedenti ([10]) l-Kummissjoni sostniet li s-suq tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti jista' jinqasam f'servizzi tal-konsenja express u servizzi tal-konsenja standard (magħrufa wkoll bħala "diferiti"). Dan it-tqassim iqis li s-servizzi express jieħdu inqas ħin u huma aktar affidabbli minn servizz standard, li kull wieħed minn dawn is-servizzi jeħtieġ infrastruttura differenti u li s-servizzi express għandhom karatteristiċi tas-servizz addizzjonali ta' valur miżjud, bħas-servizzi "track and trace", u ġeneralment huma aktar għaljin.

(16) F'deċiżjoni preċedenti ([11]), il-Kummissjoni għamlet ukoll distinzjoni bejn is-servizzi domestiċi u dawk internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti. Il-Kummissjoni sostniet li s-servizzi domestiċi tal-konsenja tal-pakketti huma pprovduti minn kumpaniji li joperaw netwerks ta' distribuzzjoni nazzjonali filwaqt li l-konsenja internazzjonali tal-pakketti tikkonsisti fil-ġbir ta' pakketti li għandhom jiġu ttrasportati u mwassla barra minn kumpaniji li għandhom aċċess għal netwerks fil-pajjiżi destinatarji.

(17) F'deċiżjonijiet preċedenti l-Kummissjoni sostniet li s-servizzi ta' konsenja standard tal-pakketti lill-konsumaturi (C2X, jiġifieri C2C u C2B) u lin-negozji (B2X, jiġifieri B2B u B2C) jikkostitwixxu swieq ta' prodotti distinti. L-għoti tas-servizzi lill-konsumaturi (C2X) u l-forniment tas-servizzi lin-negozji (B2X) jeħtieġu infrastruttura differenti (u b'mod partikolari netwerk ta' uffiċċji postali disponibbli għall-konsumaturi privati). ([12])

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjoni bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

([9]) Is-Sentenza tas-27 ta' April 2016, *Österreichische Post AG v. il-Kummissjoni*, T-463/14, EU:T:2016:243, il-paragrafu 28.

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/154/UE tat-22 ta' Marzu 2013 li teżenta ċerti servizzi fis-settur postali fl-Ungerija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 86, 26.3.2013, p. 22). M.5152 tal-21 ta' April 2009 — Posten AB/Post Danmark A/S; M.6570 – UPS/TNT Express tat-30 ta' Jannar 2013 u M.7630 — FedEx/TNT Express tat-8 ta' Jannar 2016.

([11]) Ara M.5152 — Posten AB/Post Danmark A/S, tal-21 ta' April 2009, paragrafi 54-57, Każ M 6570- UPS/TNT tat-30 ta' Jannar 2013, paragrafi 165-182, Każ M.7630 — FedEx/TNT tat-8 ta' Jannar 2016, paragrafi 81-89. Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/46/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 li teżenta ċerti servizzi fis-settur postali fl-Iżvezja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 19, 23.1.2009, p. 50) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/154/UE tat-22 ta' Marzu 2013 li teżenta ċerti servizzi fis-settur postali fl-Ungerija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 86, 26.3.2013, p. 22).

([12]) Ara l-Kawża COMP/M.5152 — Posten AB/Post Danmark A/S, tal-21 ta' April 2009, il-paragrafu 60. Il-Każ AT. 35.141 Deutche Post AG, il-paragrafu 29; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/564/KE tas-6 ta' Awwissu 2007 li teżenta xi servizzi fis-settur postali fil-Finlandja, ħlief għall-Gżejjer Åland, mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u postali (ĠU L 215, 18.8.2007, p. 21). Id-Deċiżjoni 2009/46/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/142/UE tat-3 ta' Marzu 2010 li teżenta ċerti servizzi fis-settur postali fl-Awstrija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 56, 6.3.2010, p. 8).

(18) Barra minn hekk, f'deċiżjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni sostniet li l-konsenji B2B u B2C mhumiex sostitwibbli. Mill-perspettiva tan-naħa tal-provvista, il-konsenja B2C teħtieġ netwerk aktar dens biex jintlaħqu destinatarji privati għall-kuntrarju tad-destinatarji tan-negozju li spiss ikunu jinsabu f'raggruppamenti densi. Konsegwentement, id-distanza bejn id-destinatarji tan-negozju hija iqsar mid-distanza bejn il-konsumaturi. Il-konsegwenzi f'termini ta' kopertura u spejjeż tan-netwerk jistgħu jkunu sinifikanti ħafna, u b'hekk dan jiddifferenzja s-swieq tal-konsenja tal-pakketti B2B u B2C ([13]).

(19) Id-definizzjoni tas-suq tal-prodotti tal-Applikant hija konformi mal-prassi preċedenti tal-Kummissjoni.

(20) Abbażi tal-premessi 15 sa 19 għall-iskop tal-valutazzjoni skont din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni, jista' jitqies li s-swieq tal-prodotti rilevanti huma:

(a) is-suq tas-servizzi domestiċi ta' konsenja standard tal-pakketti B2C;

(b) is-suq tas-servizzi internazzjonali ta' konsenja standard tal-pakketti B2C.

3.4. **Definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti**

(21) Fil-prassi preċedenti tagħha ([14]), il-Kummissjoni kienet tal-fehma li s-swieq għall-konsenja tal-pakketti B2C, irrispettivament mid-distinzjoni bejn is-servizzi domestiċi u internazzjonali tal-konsenja, għandhom ambitu nazzjonali. Il-fehma tal-Applikant hija konsistenti mal-prassi tal-Kummissjoni.

(22) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni ta' ambitu differenti tas-suq ġeografiku, għall-finijiet tal-valutazzjoni skont din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ambitu ġeografiku tas-servizzi domestiċi u internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti B2C ikopri t-territorju tad-Danimarka.

3.5. **Analiżi tas-suq — servizzi domestiċi tal-konsenja tal-pakketti B2C**

(23) Il-Kummissjoni tinnota li, b'mod simili għall-maġġoranza tal-Istati Membri, is-suq Daniż irreġistra tkabbir sinifikanti fil-volumi tal-pakketti f'dawn l-aħħar snin, l-aktar minħabba l-impatt tal-kummerċ elettroniku. Skont l-informazzjoni disponibbli, bejn l-2016 u l-2018, is-sehem tas-suq ta' PostNord naqas […] ([15]), minn […]% f'termini ta' valur u […]% f'termini ta' volum, għal […]% f'termini ta' valur ([16]) u […]% f'termini ta' volum ([17]).

(24) Filwaqt li l-ishma tas-suq ta' PostNord naqsu matul il-perjodu osservat, l-ishma tas-suq ta' […] kompetituri żdiedu […] matul il-perjodu osservat. Bejn l-2016 u l-2018 l-ishma tas-suq ta' […] kompetitur, […], żdiedu minn […]% għal […]% f'termini ta' valur u minn […]% għal […]% f'termini ta' volum ([18]). B'mod simili, f'istess perjodu, l-ishma tas-suq ta' […] żdiedu minn […]% għal […]% f'termini ta' valur u minn […]% għal […]% f'termini ta' volum ([19]). […]. Fuq din il-bażi, jista' jiġi kkunsidrat li dawn (jiġifieri […]) ikunu jistgħu jeżerċitaw pressjoni kompetittiva sinifikanti fuq PostNord. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi osservat ukoll li […] irnexxielha żżid is-suq tagħha […] f'perjodu pjuttost qasir, li jissuġġerixxi li […] tipprovdi restrizzjoni kompetittiva importanti fuq PostNord.

(25) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li f'dawn l-aħħar ħames snin daħlu fis-suq operaturi ġodda: DAO365 u Burd Delivery ([20]) u […] fl-aħħar tliet snin.

(26) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-fatturi elenkati fil-premessi 23, 24 u 25 jenħtieġ li jitqiesu bħala indikazzjoni tal-esponiment għall-kompetizzjoni ta' dik l-attività fid-Danimarka. Konsegwentement, minħabba li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, jenħtieġ li jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għall-kuntratti intenzjonati biex jippermettu t-twettiq ta' din l-attività fid-Danimarka.

([13]) Ara l-Kawza COMP/M.5152 — Posten AB/Post Danmark A/S, tal-21 ta' April 2009, il-paragrafi 61 u 62.
([14]) Il-Kawża COMP/M.5152 — Posten AB/Post Danmark A/S, tal-21 ta' April 2009, il-paragrafi 64-74.
([15]) […] – informazzjoni kunfidenzjali
([16]) Ara t-Talba, p. 11. it-Tabella 5.
([17]) Ara t-Talba, p. 11. it-Tabella 6.
([18]) Ara t-Talba, p. 11, it-tabelli 5 u 6.
([19]) Ara t-Talba, p. 11, it-tabelli 5 u 6.
([20]) Ara t-Talba, p. 16, it-taqsima 5.3.1.

3.6. **Analiżi tas-suq — servizzi internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti B2C**

(27) Il-Kummissjoni tinnota li, b'mod simili għas-suq domestiku tal-konsenja tal-pakketti B2C, is-suq internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti B2C irreġistra tkabbir sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, għall-kuntrarju tal-iżviluppi kompetittivi osservati fis-suq domestiku tal-konsenja tal-pakketti B2C, is-sehem tas-suq ta' PostNord fis-suq internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti B2C baqa' relattivament stabbli fl-aħħar tliet snin kemm f'termini ta' valur ([21]) ([…]% fl-2016, […]% fl-2017 u […]% fl-2018) u f'termini ta' volum ([22]) ([…]% fl-2016, […]% fl-2017 u […]% fl-2018) ([23]).

(28) B'mod parallel, is-sehem tas-suq aggregat […] f'termini ta' valur u […] f'termini ta' volumi. F'dawk il-livelli, la jista' jiġi konkluż li dawn il-kompetituri se jkunu jistgħu jeżerċitaw pressjoni kompetittiva sinifikanti fuq PostNord u lanqas li s-sitwazzjoni tas-suq tista' tinbidel dalwaqt fid-dawl ta' ishma tas-suq relattivament stabbli ta' PostNord fil-perjodu osservat.

(29) L-Applikant jargumenta li sehem importanti tas-servizzi internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti B2C huma […]. Skont it-Talba ([24]), jidher li […].

(30) Madankollu, anki bl-użu ta' approċċ konservattiv […], is-sehem tas-suq ta' PostNord f'termini ta' volum għadu […]. Minħabba li […], mhuwiex probabbli li s-sitwazzjoni kompetittiva se tinbidel fil-futur qarib.

(31) L-Applikant jindika ([25]) li […]. Huwa ssuġġerit ukoll li minħabba s-suq li qed jikber għall-kummerċ elettroniku fid-Danimarka u fl-Ewropa, id-domanda għall-konsenja internazzjonali tal-pakketti B2C mistennija tikber. Fl-aħħar nett, l-Applikant informa lill-Kummissjoni fis-16 ta' Marzu 2020 li PostNord identifikat fornituri addizzjonali tas-servizzi internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti B2C.

(32) Madankollu, l-Applikant ikkjarifika li, abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn PostNord, uħud minn dawn il-fornituri (jiġifieri, Prime Cargo, Blue Water, Scan Logistics, GTX Logistics u Link Logistics) ma jipprovdux direttament huma stess is-servizz tal-konsenja tal-pakketti, iżda minflok joffru soluzzjonijiet ta' loġistika, li jinkludi l-bejgħ tas-servizzi ta' distributuri tal-pakketti bħal PostNord. Barra minn hekk, jidher li xi fornituri oħra (jiġifieri United Broker, Shipmondo u pakke.dk) joffru "servizzi ta' konsolidazzjoni", jiġifieri soluzzjonijiet u pjattaformi tal-IT. L-Applikant irrikonoxxa wkoll li s-suq Daniż għandu ambitu limitat f'termini ġeografiċi u ta' residenti, li jista' jillimita l-għadd ta' fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti.

(33) Il-Kummissjoni tinnota li kompetitur ġdid, DAO 365, daħal fis-suq internazzjonali tal-pakketti B2C fl-2019, iżda għad m'hemm l-ebda *data* disponibbli fir-rigward tal-prestazzjoni tiegħu f'dan is-suq. Filwaqt li l-kumpaniji, bħal dawk identifikati fil-premessa 32 hawn fuq jistgħu jeżerċitaw xi restrizzjoni kompetittiva fuq PostNord, anki jekk ma jipprovdux is-servizzi internazzjonali ta' konsenja tal-pakketti B2C huma stess, l-informazzjoni pprovduta mill-Applikant ma tippermettix li jiġi konkluż li dan huwa tabilħaqq il-każ. Il-limitu ta' tali restrizzjoni kompetittiva potenzjali huwa partikolarment inċert peress, kif jidher fil-premessa 27 hawn fuq, is-sehem mis-suq f'termini kemm ta' volum kif ukoll ta' valur ta' PostNord jibqa' stabbli fil-perjodu osservat.

(34) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati fil-premessi 27 sa 33 ma jistax jiġi konkluż li s-servizzi internazzjonali tal-konsenja tal-pakketti B2C huma direttament esposti għall-kompetizzjoni fid-Danimarka. Konsegwentement, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/25/UE tkompli tapplika għal kuntratti intenzjonati biex jippermettu t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet fid-Danimarka.

4. **KONKLUŻJONI**

(35) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali minn Diċembru 2019 sa Marzu 2020 kif jidher mill-informazzjoni sottomessa mill-Applikant, u mill-informazzjoni disponibbli pubblikament ([26]). Jekk il-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jiġu ssodisfati, jaf tiġi riveduta, wara bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni legali u fattwali.

([21]) Ara t-Talba, p. 12. it-Tabella 7.
([22]) Ara t-Talba, p. 12. it-Tabella 8.
([23]) Ara t-Talba, p. 21. l-ewwel ċart.
([24]) Ara t-Talba, p. 13, it-tabelli 2 u 3.
([25]) Ara t-tweġiba tal-Applikant tal-10 ta' Frar 2020 għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2020, p. 2.
([26]) Ara "*Development of Cross-border E-commerce through Parcel Delivery*" — Studju għall-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs minn WIK Consult, Frar 2019; "*Annual and Sustainability Report*" 2018 PostNord; "*Main Developments in the Postal Sector (2013-2016)*" Studju għall-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, minn Copenhagen Economics, Lulju 2018.

(36) Minħabba li s-servizzi relatati mas-servizzi internazzjonali ta' konsenja tal-pakketti B2C jenħtieġ li jkomplu jkunu soġġetti għad-Direttiva 2014/25/UE, huwa mfakkar li l-kuntratti ta' akkwist pubbliku li jkopru diversi attivitajiet jenħtieġ li jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva. Dan ifisser li, meta entità kontraenti tkun involuta f'akkwist "imħallat", jiġifieri akkwist użat biex jingħata sostenn għall-prestazzjoni kemm tal-attivitajiet eżentati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE kif ukoll tal-attivitajiet li mhumiex eżentati, għandhom jitqiesu l-attivitajiet li għalihom huwa intenzjonat prinċipalment il-kuntratt. F'każ ta' tali akkwist imħallat, fejn l-għan huwa prinċipalment l-appoġġ tal-attivitajiet li mhumiex eżentati, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/25/UE. Meta jkun oġġettivament impossibbli li wieħed jiddetermina għal-liema attività huwa prinċipalment intenzjonat il-kuntratt, il-kuntratt għandu jingħata f'konformità mar-regoli stipulati fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2014/25/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għall-kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsuba biex jippermettu l-attivitajiet relatati mas-servizzi domestiċi ta' konsenja standard tal-pakketti min-negozji għall-konsumatur (B2C) li se jitwettqu fit-territorju tad-Danimarka.

Artikolu 2

Id-Direttiva 2014/25/UE għandha tkompli tapplika għall-kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsuba biex jippermettu l-attivitajiet relatati mas-servizzi internazzjonali ta' konsenja standard tal-pakketti min-negozji għall-konsumatur (B2C) li se jitwettqu fit-territorju tad-Danimarka

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni